Mellieħa

23 ta' Jannar 2026

# ID-DISA' KUNSILL

**AĠENDA Numru 21a**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fis-Seduta tal-Kunsill Lokali numru 21a li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar il-Ħamis, 29 ta' Jannar 2026 fil-5.30pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Marica Gambin
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

21.3 Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

21.5 L-Estimi Finanzjarji 2026;

21.6 Mozzjoni dwar il-Performance Bonus Appraisals 2025 tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Ħaddiema Klerikali tal-Kunsill;

21.7 Mozzjoni dwar l-approvazzjoni finali tal-Estimi Finanzjarji 2026;

21.8 Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

21.9 Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

**MOZZJONIJIET**

## 21.6 Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera E. Bartolo illi tgħid:

"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (L.S. 363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill;

U billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2025 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz mill-uffiċjali mpjegati mal-Kunsill matul is-sena 2025, kif deskritt fil-Performance Appraisal Report li ġie mħejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għas-Sena Finanzjarja 2025, l-impjegati eliġibbli, għandhom jitħallsu performance bonus, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa f'Diċembru 2025, skont il-perċentwali ndikati fl-istess rapporti u soġġett għall-ftehim kollettivi fis-seħħ, kif ukoll skont ir-rata mogħtija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv.". (Wages)

Emvin Bartolo
**Proponent**

Jude Cauchi
**Sekondant**

## 21.7 Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:-

"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u

U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi waqt laqgħa li saret apposta sabiex jiġu diskussi l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2026 nhar it-Tlieta, 20 ta' Jannar 2026, kif ukoll saret Laqgħa Annwali tal-Lokalità għar-residenti, nhar it-Tlieta. 27 ta' Jannar 2026, skont ma jitlob l-imsemmi Att;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2026, skont l-abbozz finali mressaq.". (F/1/37)

Gabriel Micallef (Sindku)
**Proponent**

Rebecca Bartolo Cutajar
**Sekondant**